**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net
Website : www.sannatparish.com

**IL-ĦADD, 30.08.09: IT-TNEJN U GĦOXROIN ĦADD MATUL IS-SENA**
**IL-ĦAMIS, 3-09-09:** L-EWWEL ĦAMIS TAX-XAHAR
**Fis-7.00a.m.** ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.
**IL-ĠIMGĦA 4.09.09:** L-ewwel Gimgħa tax-xahar
Illum ikun hawn l-Aodrazzjoni mit-8.00a.m. sal-11.00a.m. u mit-3.30p.m. 'l quddiem.
Ikun hawn siegħat ta adorazzjoni organizzati mit-8.00 sad-9.00a.m.; mit-3.30 sal-4.30p.m. u mill-5.30p.m. sas-6.30p.m.
Nagħmel appell biex insibu ftit ħin għal quddiem Ġesu' Sagramentat.
**Fis-7.00p.m.** quddiem animate mill-Grupp tal-Kitarri u fiha jiġi amministrat is-sagrament tal-Magħmudija.
**Fit-8.30p.m.** Quddiesa ta' l-ewwel ġimgħa tax-xahar għall – Porfessjonisti kollha, anke koppji. Din tkun immexxija mill -E.T. Mons. Nikol Cauchi
Tkun fil-knisja ta' Santu Wistin, Victoria
Fit-8.15 ikun hemm saċerdoti disponibbli għall-qrar.
**IL-ĦADD: 6.09.09: IT-TLIETA U GĦOXREIN ĦADD TAS-SENA**

## WEEKEND GĦALL-KOPPJI MIŻŻEWĠIN

Se jsir weekend għall-koppji miżżewġin bejn il-Ġimgħa 2 u l-Ħadd 4 ta' Ottubru. Dan se jkun f'Dar Manresa, Victoria, u jkun immexxi mill-Patri Geżwita Fr Vince Magri S.J. u l-koppja Mr u Mrs C. Conti.
Dawk il-koppji li huma interessati huma mitluba jċemplu lil Fr. Anthony Cilia S.J. f'Dar Manresa : Tel: 21556635

## OFFERTA GĦALL-KARITA'

Il-Parroċċa tirringrazzja lil Fr Nathan, saċerdot mill-Indja li kien hawn permezz tal-familja Stivala, għad-disponibilta' tiegħu fil-parroċċa matul iż-żmien li għamel fostna, specjalmet fil-ġranet tal-festa. Barra minn gotjiet oħra, l-parroċċa offrietli €200 bħala għajnuna għall-missjoni tiegħu ġewwa l-Indja.

## NOTA DWAR IL-MUNITI QODMA:

Dawk il-persuni li għad fadlilhom xi muniti qodma li ma għadhom fl-użu, u jixtieq jagħtuhom għall-karita, huma mitluba biex iġibuhom fl-Uffiċċju Parrokkjali.

## MIĊ-ĊENTRU TA' L-GĦOTI TAD-DEMM

Iċ-Centru ta' l-Għoti tad-Demm fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex jixtieq jirringrazzja tal-koperazzjoni li qed ikun hemm mill-pubbliku biex jagħti d-demm. Nhar il-Ħadd li għadda ireġistraw biex jagħtu d-demm 45 persuna.
Illum il-Ħadd, 30 ta' Awwissu, ser ssir sessjoni ta' ġbir ta' demm fil-Hotel Calypso Marsalforn.
Il-Ħin għall-ġbir tad-demm se jkun bejn it-8.30 a.m. u it-3.30p.m. Min imur ikun qed jagħti waħda mill-50 borża demm li jintużaw kuljum biex ikunu jistgħu jitfejjqu l-pazjenti fl-isptarijiet tagħna.
Importanti li wieħed jieħu l-karta ta' l-identita' tiegħu.

**IS-SENA SAċERDOTALI:**
Il-Papa għamel appell lill-insara kollha biex jitolbu b'mod speċjali matul din is-sena , għall-qdusija tas-saċerdoti.
Qiegħed tieħu dan bħala mpenn għal matul dinis-sena.?
Tirrikmanda lil persuni oħrajn biex huma wkoll jitolbu għall-istess intenzjoni?